MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta ta' l-10 ta' Dicembru, 2004

Talba Numru. 1394/2004

**Dingli Co. International Limited bhala mandatrici tas-socjeta estera The Performing Right Society Limited ta' Londra**

**vs**

**Game Invest Limited**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-2 ta' Lulju, 2004, fejn intalab li s-socjeta konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta attrici nomine s-somma ta' tlett mija u tletin lira Maltin u sitta u erbghin centezmu (Lm330.46) rappresentanti in kwantu ghal Lm280.05, royalty dovuta bil-quddiem in konnessjoni mal-licenzja numru 010756 (Dokument A anness ma'l-avviz), b'liema licenzja is-socjeta konvenuta giet moghtija d-dritt li ixxandar lil pubbliku muzika tutelata fl-istabbiliment Snooker Hall, paceville, San Giljan u Lm50.41 Taxxa fuq il-valur Mizjud

ghall-perijodu mis-6 ta' Dicembru 2003 sal-5 ta' Dicembru 2004.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta'l-ittra legali tat-28 ta' Frar 2004 u bl-imghaxijiet kummercjali dovuti fuq is-somma mitluba mid-data tal-iskadenza relattiva sal-hlas effettiv, kontra s-socjeta konvenuta, ingunta in subizzjoni.

Ra n-nota ipprezentata mis-socjeta attrici nomine tad-19 ta' Novembru 2004, li permezz taghha hija cediet is-sorte tal-kawza, izda zammet ferm il-kap ta'l-ispejjez.

Ra illi s-socjeta konvenuta ghalkemm debitament notifikata baqghet ma dehritx u lanqas ipprezentat risposta skond il-ligi.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esebieti.

Ghaldaqstant, it-Tribunal, wara li ra n-nota ta' cessjoni ipprezentata mis-socjeta attrici nomine tad-19 ta' Novembru 2004, filwaqt li jastjeni milli ikompli jiehu konjizzjoni ulterjuri tal-mertu tal-kawza, jikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas l-ispejjez kollha ta' din l-istanza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------